

Brussell, 12 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10050/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0222 (NLE)

RC 16
COMPET 451
ECO 52
EF 169
IND 167
REGIO 43

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Ġunju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 398 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajjnuna mill-Istat orizzontali

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 398 final.

Mehmuż: COM(2018) 398 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.6.2018
COM(2018) 398 final

2018/0222 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajjuna mill-Istat orizzontali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fit-2 ta' Mejju 2018 il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (MFF) (COM(2018) 321 final). Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni qed tipproponi għadd ta' programmi ta' finanzjament tal-UE orizzontali u settorjali, li jirrispondu għal sfidi ġodda filwaqt li tkompli bl-attivitajiet stabbiliti b'suċċess.

Din il-proposta għal emenda fir-Regolament ta' Awtorizzazzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat tal-UE (ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588) għandha l-għan li ttejjeb l-interazzjoni ta' daww il-programmi ta' finanzjament tal-UE mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat. Hija se tippermetti li l-Kummissjoni tagħmel emendi mmirati fir-regoli attwali dwar l-ghajjnuna mill-Istat sabiex il-flus nazzjonali – inkluż mill-Fond Strutturali u ta' Investiment Ewropew ġestit fil-livell nazzjonali – u fondi tal-UE ġestiti ċentralment mill-Kummissjoni jistgħu jiġu kkombinati kemm jista' jkun bla xkiel, mingħajr ma jkun hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-Suq Uniku tal-UE.

L-għan tar-regoli tal-UE dwar l-ghajjnuna mill-Istat huwa li jiġi żgurat li l-infiq pubbliku ma jwassalx għal distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn kumpaniji fis-Suq Uniku tal-UE, abbażi ta' tliet prinċipji bażiċi:

- L-interess komuni: L-infiq pubbliku jenħtieġ li jservi l-għanijiet ġenerali ta' politika bħalma hu li jiġu stimulat l-investiment, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-koeżjoni reġjonali, ir-riċerka u l-iżvilupp, it-titjib fin-netwerks diġitali, tat-trasport u tal-enerġija u biex jiġi miġġieled it-tniġġis u t-tibdil fil-klima.
- L-addizzjonalità: L-infiq pubbliku jenħtieġ li jindirizza lakuna, mhux jeskludi jew sempliċement jissostitwixxi l-investiment privat.
- Il-kosteffikaċja: Jenħtieġ li l-infiq pubbliku ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tal-politika.

Il-fondi tal-UE ġestiti ċentralment mill-Kummissjoni li mhumieq soġġetti għal xi setgħa diskrezzjonali mill-Istati Membri (bħall-COSME, Orizzont Ewropa jew il-Programm Ewropa Diġitali), mhumieq għajjnuna mill-Istati skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Madankollu, meta l-Istati Membri jipprovdu finanzjament nazzjonali addizzjonali għal proġett jew strument finanzjarju sostnut minn fond ġestit ċentralment mill-UE jew jikkontribwixxu riżorsi li fuqhom iħaddmu ċertu ammont ta' setgħa diskrezzjonali għal fond ġestit ċentralment, ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat japplikaw għal parti mill-finanzjament suġġett għas-setgħa diskrezzjonali tal-Istat Membru.

Bl-istess mod, l-Istati Membri għandhom aktar kontroll fuq il-flus tal-UE taħt ġestjoni kondiviża, bħal fil-każ tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) kif ukoll il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Għalhekk, dan it-tip ta' finanzjament jirrappreżenta riżorsi tal-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE u huwa soġġett għall-kontroll tal-ghajjnuna mill-Istat.

F'dan il-kuntest, l-artikolazzjoni xierqa bejn il-fondi tal-UE u r-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat hija importanti sabiex tiggarantixxi l-aħjar impatt possibbli tal-QFP u li jiġu evitati kumplessitajiet bla bżonn. Dan huwa importanti b'mod speċjali għal sitwazzjonijiet fejn proġett jiġi ffinanzjat kemm minn fondi tal-UE ġestiti ċentralment mill-Kummissjoni kif ukoll minn fondi taħt il-kontroll tal-Istati Membri. Sabiex jiġi ssimplifikat it-trattament ta' sitwazzjonijiet bħal dawn għall-Istati Membri, għall-intermedjarji finanzjarji u għall-iżviluppaturi tal-proġetti jenħtieġ li jkun hemm konsistenza bejn ir-regoli dwar il-fondi. Din hija r-raġuni għalfejn il-proposti tal-Kummissjoni dwar il-fondi tal-UE jinkorporaw ċerti prinċipji kruċjali tal-kontroll tal-ghajjnuna mill-Istat, bħalma hija l-ħtieġa li l-interventi tal-Istat ikunu addizzjonali għall-finanzjament privat pjuttost milli jeskludu finanzjament bħal dan, li jenħtieġ li jkompli jiġu żviluppati u jiggwidaw l-implimentazzjoni. U kien għalhekk ukoll, fl-istess ħin, li l-Kummissjoni qed tipproponi li tissimplifika aktar ir-regoli rilevanti dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1084 tat-14 ta' Ġunju 2017¹ (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa – GBER) għandu rwol ewleni f'dan il-kontest. Huwa jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern u jippermetti li l-Istati Membri direttament jimplimentaw miżuri ta' għajjnuna mingħajr approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni Ewropea.

Hemm tliet oqsma li fihom il-modifiki tal-GBER jistgħu jtejjbu l-interazzjoni bejn il-programmi ta' finanzjament tal-UE u r-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat.

Finanzjament nazzjonali flimkien ma' strumenti tal-Fond InvestEU

Il-Kummissjoni llum ippreżentat il-proposta tagħha għal Fond ġdid InvestEU², sett uniku ta' regoli għall-istrumenti finanzjarji kollha u garanziji baġitarji għall-baġit li jmiss tal-UE. Il-proposta tiżgura li l-Kummissjoni jkollha rwol importanti fl-għażla ta' proġetti u skemi appoġġati b'konformità mal-interess komuni għall-UE, u li l-appoġġ pubbliku jikkomplementa l-investiment privat, ikun trasparenti u li l-effetti tiegħu jiġu evalwati. It-tfassil tal-Fond InvestEU diġà jinkorpora prinċipji ewlenin tal-għajjnuna mill-Istat. Ladarba dawn il-prinċipji jiġu tradotti f'regoli ċari biżżejjed dwar it-tħaddim tal-Fond, huma meħtieġa biss rekwiżiti limitati addizzjonali ta' għajjnuna mill-Istat biex jipproteġu l-kompetizzjoni fis-Suq Uniku, meta l-flus ta' Stat Membru jingħaqdu mal-flus tal-UE fil-fond InvestEU. Fuq dik il-bażi, ir-rekwiżiti rilevanti tal-għajjnuna mill-Istat jistgħu jkunu stabbiliti fil-GBER, biex jakkumpanjaw Regolament dwar il-Fond InvestEU kif ukoll il-Linji Gwida dwar l-Investiment tal-Fond InvestEU li jinkludu s-salvagwardji neċessarji. Tali modifika tal-GBER tista' teżenta l-flus ta' Stat Membru li jgħaddu mill-Fond InvestEU jew ikunu appoġġati mill-Fond InvestEU min-notifika minn qabel lill-Kummissjoni skont ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat, biex b'hekk tkun żgurata l-implimentazzjoni simplifikata u effiċjenti tal-Fond InvestEU.

Riċerka, żvilupp u innovazzjoni

Il-Kummissjoni llum ippreżentat ukoll il-proposta tagħha għal Orizzont Ewropa³. Skont din il-proposta, ċerti proġetti ta' riċerka minn impriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs) jistgħu jingħataw it-tikketta "Siġill ta' Eċċellenza". Dan jirrikjedi li dawn jiġu evalwati mill-Kummissjoni bħala "eċċellenti" u li jkunu eliġibbli skont ir-rekwiżiti stretti tar-regoli tal-UE għall-finanzjament tal-UE, bl-unika raġuni li ma jistgħux fil-fatt jiġu ffinanzjati tkun il-limitazzjonijiet baġitarji tal-fond tal-UE. Proġetti bħal dawn jistgħu jitħallew jiġu ffinanzjati kompletament mill-Istati Membri (inkluż minn fondi strutturali) mingħajr il-bżonn tal-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni. Id-disinn tal-proposta tal-Kummissjoni Orizzont Ewropa fir-rigward ta' proġetti "Siġill ta' Eċċellenza", u d-daqs relattivament limitat ta' sostenn finanzjarju jneħħi kull tħassib dwar il-kompetizzjoni.

Bl-istess mod, proġetti RŻI evalwati u magħżula f'konformità mar-regoli applikabbli għal Orizzont Ewropa u ffinanzjati b'mod konġunt minn Orizzont Ewropa u l-Istati Membri (inkluż minn fondi strutturali), fejn mill-inqas tliet Stati Membri jipparteċipaw, jistgħu jitħallew jiġu implimentati mingħajr valutazzjoni ta' għajjnuna mill-Istat addizzjonali għal dik il-parti tal-finanzjament li tiġi mill-Istati Membri. Dan ikun possibbli għaliex ir-regoli għal proġetti li jikkwalifikaw għal sostenn minn Orizzont Ewropa – kif imfassla fil-proposta tal-Kummissjoni – ineħħu kull tħassib dwar il-kompetizzjoni, b'mod partikolari billi jirrikjedu li l-proġetti jkunu jissodisfaw l-għanijiet ta' interess komuni tal-UE u li jindirizzaw fallimenti tas-suq definiti sew.

Koperazzjoni Territorjali Ewropea

Għal ħafna snin, il-promozzjoni tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (European Territorial Cooperation - ETC) ilha prijorità importanti fil-politika ta' koeżjoni tal-UE. Skont ir-regoli attwali ta' għajjnuna mill-Istat, proġetti bħal dawn diġà jistgħu jingħataw sostenn permezz ta' flus pubbliċi. F'dawn l-aħħar snin il-Kummissjoni kisbet esperjenza sinifikanti f'dak li jirrigwarda miżuri ta' għajjnuna mmirati lejn il-promozzjoni ta' proġetti tal-ETC. Estensjoni ulterjuri tal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' għajjnuna permessi skont il-GBER tista' għalhekk tiġi kkunsidrata.

¹ ĠU L 156, 20.6.2017, p. 1.

² COM(2018)439

³ COM(2018)441

Il-bażi ġuridika tal-GBER, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajjuna mill-Istat orizzontali (kodifikazzjoni) (ir-“Regolament ta' Awtorizzazzjoni”)⁴, għalhekk jeħtieġ li jiġi mmodifikat, sabiex il-kummissjoni tkun tista' tinkludi l-miżuri kollha xierqa fil-GBER wara li tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati kollha u mal-komitat konsultattiv tal-Istati Membri.

1. GĦAN U KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-Regolament ta' Awtorizzazzjoni jippermetti li l-Kummissjoni tiddikjara, permezz ta' regolamenti, li ċerti kategoriji ta' għajjuna mill-Istat huma kompatibbli mas-suq komuni u huma eżentati mir-rekwiżit ta' notifika previst fl-Artikolu 108(3) TFUE. Dawn il-kategoriji jinkludu, pereżempju, għajjuna għall-SMEs, għajjuna għar-riċerka u l-iżvilupp jew għajjuna għall-ħarsien ambjentali. Il-Kummissjoni issa qed tipproponi li jiżdiedu żewġ kategoriji oħra.

Il-proposta biex jiġu inklużi **żewġ kategoriji ġodda** fir-Regolament ta' Awtorizzazzjoni tippermetti li l-Kummissjoni tadotta l-eżenzjonijiet ġenerali, abbażi ta' definizzjoni ta' kriterji ċari ta' kompatibilità, biex b'hekk ikun żgurat li l-effett fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri jkun limitat. Jekk jiġu adottati dawn l-eżenzjonijiet ġenerali ikun possibbli li jiġu ssimplifikati b'mod sinifikanti l-proċeduri amministrattivi għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni abbażi ta' kundizzjonijiet ta' kompatibilità *ex ante* ddefiniti b'mod ċar. Madankollu, il-proposta għal kategoriji ġodda fir-Regolament ta' Awtorizzazzjoni la tinvolvi eżenzjoni ġenerali immedjata ta' dawn il-kategoriji, u lanqas tfisser li l-miżuri kollha f'kategorija jkollhom eżenzjoni ġenerali fl-intier tagħhom.

Kategoriji ġodda proposti li jiġi inklużi fir-Regolament ta' Awtorizzazzjoni

Il-finanzjament ta' Stati Membri li jgħaddi jew jirċievi sostenn minn strumenti finanzjarji jew garanziji baġitarji tal-UE ġestiti ċentralment mill-Kummissjoni

L-importanza ta' strumenti finanzjarji u ta' garanziji baġitarji tal-UE biex jitwassal is-sostenn f'firxa wiesgħa ta' oqsma żdiedet matul dawn l-aħħar snin. Huwa mistenni li jiżdied aktar fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali wara l-2020. Il-proposti tal-Kummissjoni għal strumenti finanzjarji u għal garanziji baġitarji tal-UE ġestiti ċentralment mill-Kummissjoni tinkludi salvagwardji importanti biex jiġi evitat tfixkil bla bżonn tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, dawn tipikament joħlqu inqas distorsjoni minn sovvenzonijiet ta' ammont simili, peress li dawn normalment jinvolvu ammonti iżgħar ta' għajjuna. Pereżempju, garanzija mhux konformi mas-suq għal self ta' EUR 100 miljun tipikament tinvolvi biss l-ammont ta' għajjuna li jikkorrispondi għad-differenza bejn il-primjum ta' garanzija konformi mas-suq u l-primjum ta' garanzija mħallas mill-benefiċjarju, li hija konsiderevolment aktar baxxa mill-ammont sħiħ ta' EUR 100 miljun.

Huwa għalhekk xieraq li l-Kummissjoni tkun tagħti eżenzjoni ġenerali lil għajjuna pprovduta permezz tal-finanzjament tal-Istati Membri, li tgħaddi ulterjorment minn strumenti finanzjarji jew garanziji baġitarji tal-UE ġestiti ċentralment mill-Kummissjoni, sakemm jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Fl-esperjenza tal-Kummissjoni, l-allinjament ta' din l-għajjuna mal-kundizzjonijiet applikabbli għal strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji tal-UE ġestiti ċentralment, kif implimentati mill-korpi tal-Unjoni, jiżgura li l-għajjuna pprovduta mill-Istati Membri ma tikkawża l-ebda distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni u li huwa possibbli li jiġu definiti kundizzjonijiet ta' kompatibilità ċari għal din l-għajjuna.

⁴ ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1.

Għajnuna għal Kooperazzjoni Territorjali Ewropea

Għal ħafna snin, il-promozzjoni tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (ETC) kienet prijorità ewlenija tal-politika ta' koeżjoni tal-UE. Sostenn lill-SMEs għal spejjeż imġarrba fi proġett tal-ETC diġà jgawdi minn eżenzjoni ġenerali skont il-GBER. Dispożizzjonijiet speċjali għal għajnuna reġjonali għall-investimenti li jsiru minn impriżi ta' kull daqs huma wkoll inklużi fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2020–2014⁵ u fit-taqsimha dwar l-għajnuna reġjonali tal-GBER. Dan ifisser li l-Kummissjoni kisbet esperjenza sinifikanti fir-rigward tal-miżuri ta' għajnuna mmirati sabiex jippromwovu proġetti tal-ETC. Huwa għalhekk xieraq li l-Kummissjoni tkun tista' tagħti eżenzjoni ġenerali lill-finanzjament li jiġi pprovdut bħala sostenn għal dawn il-proġetti.

2. KONSISTENZA MA' POLITIKI U GĦANIJET OĦRA TAL-UNJONI

Din il-proposta hija marbuta mill-qrib mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u MA' diversi programmi ta' nfiq proposti mill-Kummissjoni.

Finanzjament nazzjonali addizzjonali pprovdut għal proġetti sostnuti minn fondi tal-UE li huma ġestiti ċentralment jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE. Din il-proposta għandha l-għan li tiffaċilita li tali riżorsi tal-Istat jiġu kkombinati ma' strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji tal-UE ġestiti ċentralment mill-Kummissjoni biex tingħata ċertezza tad-dritt filwaqt li jkun żgurat li d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jibqgħu limitati.

Il-promozzjoni ta' proġetti tal-ETC ilha prijorità importanti għall-politika ta' koeżjoni tal-UE għal ħafna snin, u se tiġi ffaċilitata aktar minn din il-proposta.

3. ASPETTI LEGALI

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta huwa l-Artikolu 109 TFUE li jippermetti li l-Kunsill jagħmel kwalunkwe regolamenti xierqa, b'mod partikolari sabiex tiddetermina l-kundizzjonijiet li fihom japplika l-Artikolu 108(3) TFUE, u l-kategoriji ta' għajnuna eżenti minn dik il-proċedura. Il-Kunsill irid jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata dwar proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew.

• Sussidjarjetà u proporzjonalità

Il-proposta hi fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

L-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tikseb l-għan tagħha, u għalhekk hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

• Għażla tal-istrumenti

L-istrument propost: regolament.

Regolament huwa l-uniku strument ġuridiku xieraq biex jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2015/1588.

⁵ ĠU C 209, 23.7.2013, p. 1.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma' għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajjnuna mill-Istat orizzontali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 109 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew⁶,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajjnuna mill-Istat orizzontali⁷ jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tiddikjara permezz ta' regolamenti li ċerti kategoriji speċifikati ta' għajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern u huma eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.
- (2) Fondi tal-UE li huma ġestiti ċentralment, li jfisser li l-fondi taħt ġestjoni diretta jew indiretta tal-Unjoni (bl-esklużjoni ta' fondi taħt ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri), qegħdin dejjem aktar isostnu attivitajiet fl-interess komuni tal-UE permezz ta' strumenti finanzjarji jew tal-garanziji baġitarji, u b'hekk jipprovdu kontribut partikolarment utili għat-tkabbir u l-koeżjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tiddikjara li, f'ċerti kundizzjonijiet, l-għajjnuna mogħtija mill-Istati Membri, li tgħaddi minn jew hija sostnuta minn tali strumenti finanzjarji jew garanziji baġitarji ġestiti ċentralment, hija kompatibbli mas-suq intern u mhix suġġetta għar-rekwiżit tan-notifika. Mill-esperjenza tal-Kummissjoni, għajjnuna bħal din ma tikkawżax distorsjonijiet sinifikanti tal-kompetizzjoni, billi hija allinjata mal-kundizzjonijiet applikabbli għall-istrumenti finanzjarji jew il-garanziji baġitarji rilevanti, kif implimentati minn korpi tal-Unjoni, u jistgħu jiġu definiti kundizzjonijiet ċari ta' kompatibilità.
- (3) Il-promozzjoni tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea hija prijorità importanti tal-politika ta' koeżjoni tal-UE. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tiddikjara li, f'ċerti kundizzjonijiet, l-għajjnuna għal proġetti ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea hija

⁶ ĠU C, p. .

⁷ ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1.

kompatibbli mas-suq intern u mhux soġġetta għar-rekwiżit ta' notifika. Fl-esperjenza tal-Kummissjoni, din l-għajnuna għandha biss effetti limitati fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri u jistgħu jiġu definiti kundizzjonijiet ċari ta' kompatibilità.

- (4) Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2015/1588 jenħtieġ li jiġi estiż biex jinkludi tali miżuri ta' għajnuna.
- (5) Għalhekk, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2015/1588 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-punt (a) tal-Artikolu l(1) tar-Regolament (UE) 2015/1588, jiżdiedu s-sottopunti li ġejjin:

‘(xv) finanzjament li jgħaddi jew jirċievi sostenn minn strumenti finanzjarji jew garanziji baġitarji tal-UE, fejn l-għajnuna tkun tikkonsisti f'forma ta' fondi addizzjonali pprovduti permezz ta' riżorsi tal-Istat;

(xvi) proġetti appoġġati minn programmi tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea tal-UE”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President